Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 187/2018

Il-Pulizija

Vs

Maria Luigia Baldacchino

Nazzareno Baldacchino

Illum 12 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Maria Luigia Baldacchino detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 210262M u Nazzareno Baldacchino detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 607258M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigu akkuzati talli fil-kapacita' taghhom personali u/jew bhala diretturi ta' M L R Imports Limited nhar it-28 ta' April, 2017, matul il-gurnata u jew fil-granet ta' qabel:

1. Naqsu milli jahtru supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 3(1) ta' A.L. 280/2004 (S.L. 424.29).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 3(1) ta' A.L. 280/2004 (S.L. 424.29) tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant ikkundannathom b'multa ta' €500 kull wiehed. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Maria Luigia Baldacchino u Nazzareno Baldacchino, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' April, 2018, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, billi, thassarha u tirrevokaha u kwindi tillibera lill-appellanti mill-imputazzjoni, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformaha fir-rigward tal-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Maria Luigia Baldacchino u Nazzareno Baldacchino huma s-segwenti u cioe'`:-

(i) Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta skartat il-verzjoni tal-esponenti – sahansitra korraborata bix-xhieda tal-ufficjal Elizabeth Sharon Saliba – u sabet htija fl-esponenti minkejja li mhux biss kienu hatru *supervisor* talli dan attenda fuq il-post waqt l-ispezzjoni;
(ii) Illi minghajr hsara ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma qisitx id-dispozizzjonijiet tar-Reg. 4 tal-L.S. 424.29 u sabet htija fl-esponenti;
(iii) Illi minghajr hsara ghall-ewwel zewg aggravji, l-ewwel Qorti imponiet piena li ghad li taqa' fil-parametri tal-ligi, hija eccessiva tenut kont tal-agir tal-esponenti u c-cirkostanzi tal-kaz;

**Dwar l-Ewwel Aggravju** – Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta skartat il-verzjoni tal-esponenti u sabet htija fl-esponenti minkejja li mhux biss kienu hatru supervisor talli dan attenda fuq il-post waqt l-ispezzjoni;

Illi l-akkuza kif formulata hija cara u tirrigwarda n-nuqqas tal-esponenti li jahtru *supervisor* ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u *supervisor* tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan *ai termini* tal-artikolu 3(1) tal-A.L. 281/2004 (L.S. 424.29). Kif irrizulta fis-smigh tal-kawza, meta l-esponenti sabu ma' wicchom l-ufficcjali tal-Awtorità, cemplu minnufih lis-*supervisor* minnhom inkarigat li da parti tieghu fi zmien nofs siegha kien fuq il-lant tax-xoghol. Mhux talli hekk, talli l-istess *supervisor* issottometta mill-aktar fis id-dokumenti mitluba. L-ispezzjoni saret il-Gimgha u d-dokumenti gew prezentati fil-bidu tal-gimgha ta' wara.

Illi mhuwiex verosimili li fi zmien fejn konsulenti tal-kostruzzjoni bhal *supervisors* tas-sahha u s-sigurtà, *archaeological monitors*, kuntratturi tal-bini huma rari u l-ftit li hawn huma mghobbijin bix-xoghol, taqbad u taqla' wiehed minn issa ghal issa meta jitfacca ufficcjal tal-infurzar. Dan mhux biss jimmilita favur l-esponenti talli gie kkonfermat mill-istess ufficcjal li ghamlet l-ispezzjoni. Fl-umli fehma tal-esponenti, ghalhekk biss l-esponenti kellhom jigu liberati.

**Dwar it-Tieni Aggravju** – Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma qisitx id-dispozizzjonijiet tar-Reg. 4 tal-L.S. 424.29 u sabet htija fl-esponenti;

Illi huwa minnu li r-Reg. 3 tal-L.S. 424.29 – li tahtu l-esponenti kienu akkuzati – jipprovdi li ghal kull progett ta' kostruzzjoni jrid jinhatar kemm *supervisor* tal-progett ghall-istadju tad-disinn kif ukoll *supervisor* tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni. Madankollu, dan il-provvediment irid jinqara fid-dawl tad-dispozizzjoni sussegwenti u cioe'` r-Reg. 4 tal-L.S. 424.29 jipprovdi espressament:

> Fil-kaz ta' siti ta' kostruzzjoni li fuqhom ix-xoghol ikun skedat li jdum aktar minn tletin jum tax-xoghol u li fuqhom ikun hemm jahdmu aktar minn ghoxrin haddiem fl-istess hin, jew li fuqhom il-volum tax-xoghol huwa skedat li jeccedi l-hames mitt gurnata xoghol ta' persuna, is-*supervisor* tal-progett ghandu

jikkomunika avviz bil-quddiem miktub skond l-Iskeda III lill-Awtorità ta' l-anqas erba' gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol.

Illi jsegwi li l-ligi taghti zewg kriterji biex jiskattaw certi obbligi, l-ewwel li x-xoghol ta' kostruzzjoni skedat ikun idum aktar minn tletin gurnata tax-xoghol u li f'dawn il-granet ikun hemm jahdmu aktar minn ghoxrin (20) haddiem fl-istess hin; it-tieni kriterju hu li x-xoghol skedat ikun jeccedi l-hames mitt gurnata tax-xoghol. Jekk wiehed minn dawn il-kriterji jkun sodisfatt ikun mehtieg pre-avviz lill-Awtorità.

Illi fil-kaz odjern, ix-xoghol mahsub mill-esponenti ghad li kien skedat li jdum aktar minn tletin jum, ma kienx mahsub li jkun hemm aktar minn ghoxrin haddiem fl-istess hin jew li l-volum tax-xoghol kien skedat li jeccedi l-hames mitt gurnata xoghol ta' persuna. Dan jidher car mill-"*Construction Notification Form*" li giet prezentata in atti mill-prosekuzzjoni, fejn jinghad li "*Planned Duration of Work on the Construction Site*" huwa ta' tliet mitt (300) gurnata tax-xoghol mentri l-"*Estimated maximum number of workers on the construction site (at any one time)*" huwa ta' tliet (3) persuni. Isegwi ghalhekk li l-progett tal-esponenti ma jaqax fil-kriterji tal-ligi. Dan il-fatt ikkonfermatu l-istess xhud tal-Awtorità. Fil-fehma tal-esponenti, l-esponenti ma kellhomx id-dmir li jikkomunikaw avviz bil-quddiem lill-Awtorità.

Illi b'kull rispett lejn l-ewwel Qorti, dan il-provvediment huwa fundamentali sabiex wiehed jaccerta l-pozizzjoni tal-esponenti u zgur li ma kellux jigi skartat in prim'istanza. Hawnhekk wiehed ghandu japprezza wkoll li kemm-il darba dak li qed tghid l-Awtorità huwa l-pozizzjoni ufficjali, fir-Regolamenti *de quo* hawn *lacuna* ghaliex kif digà inghad, l-esponenti ma kellhomx dmir li jikkomunikaw avviz bil-quddiem lill-Awtorità. M'hemmx ghalfejn jinghad li kull dubju ghandu jmur favur l-akkuzati.

Dwar it-Tielet Aggravju – Illi l-ewwel Qorti imponiet piena li ghad li taqa' fil-parametri tal-ligi, hija eccessiva tenut kont tal-agir tal-esponenti u c-cirkostanzi tal-kaz;

Illi dan l-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena inflitta u cioe'` ta' €500 kull akkuzat. Billi kien hemm zewg diretturi, il-multa kienet doppja u kwindi bejniethom gew

ikkundannati jhallsu elf euro (€1,000). Dan meta wiehed iqis li l-multa amministrattiva kienet ta' €250 ghall-akkadut u li ma thallsitx ghaliex l-esponenti nies li jimxu bil-pinna u l-klamar u l-ghatba tal-Qorti ma jafux fejn hi (hlief rarament ghal xi kwistjoni civili bhal ta' kull min ikun fin-negozju; l-esponenti huma importaturi tal-*pet food*) izda hassew li dan ma kienx kaz fejn wiehed jakkwixxi imma li jfittex li jigi mehlus minn kull tebgha li jista' jkun hemm. Il-fatt li fittxew li jiddefendu rwiehhom sabiex inaddfu isimhom mal-Awtoritajiet certament li m'ghandux jikkwadruplika l-penali. Aktar u aktar meta wiehed iqis li fil-kaz odjern, kien hemm diversi ragunijiet (riportati fuq) li jqanqlu dubju favur l-esponenti jew almenu "*probabilis causa litigandi*" li ggieghelhom ma jhallsux penali amministrattiva.

Illi kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tqisx li hemm lok ghal-liberatorja, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghandha tinfliggi piena aktar miti u idoneja fic-cirkostanzi.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2018 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Semghet lil **Elizabeth Saliba,** rappresentant tad-Dipartiment tas-Sahha u Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol tixhed fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2018.

Din stqarret li nhar it-28 ta' April, 2017 hija marrret taghmel spezzjoni fil-post mgharuf bhala MLR Imports Limited peress li ftit qabel kien dahal ilment li kien qed isir xoghol f'sit ta' kostruzzjoni fi triq il-Qoton, Santa Lucija. Hija ghalhekk marret fuq il-post u tkellmet mal-klijent li hu d-Direttur tas-socjeta' MLR Imports Ltd u cioe' l-appellant Nazzareno Baldacchino. Staqsietu jekk kienx appunta Project Supervisor u qalha li le. Spjegat li dan il-Project Manager hu tenut bil-ligi sabiex jipprezzenta Construction Notification Form u fil-fatt ma kienu lahqu ircevew xejn minn dan. Jghid li in segwitu harget Stop Order li tinsab esebita fl-atti a fol. 11 datata 28 ta' April 2018 u talbu ghal xi dokumenti fosthom li jigi prezentat lilhom in-Notification Form li jinsab esebit fl-atti a fol. 3 et seq u ghal-Method statement fejn ikun hemm

indikazzjoni tal-metodologija u procedura li kinet ser tigi addottata sabiex jitkompla ix-xoghol u demolizzjoni ta' l-istess b'manjera li kienet wahda sigura.

Ikkonferma li fil-fatt kienu ircevew in-Notification Form fit-2 ta' Mejju 2017 kif jidher mit-timbru tal-awtorita a fol. 4 tal process.

Mistoqsija jekk il-post kienx wiehed kummercjali stqarret li kien u dan ghaliex kienet qed titkellem fuq warehouse li min-nnatura taghha hi sit kummercali. Qalet li x-xoghol kien qieghd jikkoncerna alterazzjoni fil-bini u ghalhekk kien qed isisr demolition u wara issir kostruzzjoni.

Mistoqsija in kontro esami jekk tellmitx fuq it-telefon ma certu John Azopardi li kien il-Project Supervisor dwar dan is-sit tghid li kellmithu wara li dakinhar stess l-klijent kien qabbadha mieghu. Tghid pero' li minkejja li tkelmet mieghu dan ma kienx ghadu gie nominat meta harget l-istop order u fil-fatt il-Construction Notification Order kient giet pprezentata nhar it-30 ta' April 2018. Mistoqsija jekk ix-xoghol li kellu isir kienx jeccedi il-hames mitt jum tghid li ma irrizultlahiex li kien hekk pero' dan ma jfissirx fil-fehma taghha li ma keinx hemm lok li jigi nominat Supervisor.

Rat ir-ritratti esebiti fl-atti li jindkaw ix-xogholijiet li kienu qed isiru fis-sit dakinhar tal-ispezzjoni.

Ikkunsidrat.

Illi id-difiza qed issostni li ma kienx hemm lok li jitqabbad Project Supervisor minkejja li l-klijent l-appellant kien gia qabbad lil John Azzopardi. Huwa minnu li l-fond huwa wiehed kummecjali. Argumeta li jekk is-Supervisor naqas li jipprezenta in Notification Order ghal dan in-nuqqas m'ghandux jahti il-klijent l-appellant. Jghid li l-kwezit impost mill-ligi fuq l-appellant li jqabbad Supervisor kien gie sodisfatt tant li r-rapprezentant tal-Awtorita' tkellmet mas-Supervisor dak in-nhar stess ta' l-ispezzjoni. In oltre stqarr li ix-xoghol il kellu jsir kien ta' natura zghira minkejja li kien qed isir f'sit kummercjali u dan ghaliex zgur li ma kienux ser jinqabzu il-hames mitt jum (500) li titkellem dwarhom l-ligi u li ma kienx ser ikun hemm aktar minn ghoxrin (20) haddiem fuq is-sit kif jirrizulta min Notification Order kien ser ikun hemm tlett (3) haddiema fl-istess hin. Stqarret ukoll li vera hemm spostment tal-

oneru fil-ligi u dan hu mixhut fuq l-klijent appellant pero' dan ma jfissirx li l-Awtorita' ma ghandha tipprova xejn ghaliex xorta trid tipprova prima faccie li kien hemm xohgol ghaddej u li ma kienx hemm Supervisor. Sta imbaghad ghall-klijent li jipprova l-kuntrarju.

Il-prosekuzzjoni min naha l-ohra tghid li skond ix-xhieda moghtija minn Elizabeth Saliba ma kienx hemm Project Manager apputat ghal dan is-sit fejn kienu qed isiru x-xoghlijiet u ghalhekk il-klijent appellant irid iwiegeb ghal dan in-nuqqas. Stqarret ukoll li l-kwistjoni tal-hames mitt jum ma tidholx fiha ghaliex il-klijent dejjem ghandu l-obbligu il jqabbad Project Supervisor sabiex jipprezenta in-Notification Form biex b'hekk l-Awtorita' tkun tista' issegwi dak li jkun ghaddej fuq is-sit ta' kostruzzjoni u taccerta ruhha ghas-sigurta' ta' dak li jkun qed jahdem.

Ikkunsidrat.

Fil-kaz in ezami, l-akkuza tirrisali ghat-timnja u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) meta ghalhekk L-Avviz Legali 281 tal-2004 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 424.29 kienu ghadhom fis-sehh u ghalhekk il-prosekuzzjoni u d-difiza setghu itellghu provi fl-ambitu ta' dak li l-ligi dak iz-zmien kienet tipprovdi u naturalment ma setghux iressqu provi f'ambitu ta' ligi ossia l-Legislazzjoni Sussidjarja 424.36 (L-Avviz Legali 88 tal-2018) li ma kienitx tezisti. Din il-Qorti izda tenut kont tal-fatt li kif ikkunsidrat, il-ligi jew ligijiet ossia l-Avviz Legali 281 tal-2004 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 424.29 li fuqhom l-Ewwel Qorti sabet htija gew imhassra fil-mori tal-appell, ma tistax tiddeciedi abbazi ta' ligi li ghalkemm kienet fis-sehh meta allegatament sehh ir-reat ma ghadiex fis-sehh fid-data tal-lum meta qieghda tinghata din id-decizjoni. Ghal din ir-raguni, din il-Qorti sejra tevalwa jekk fil-parametri ta' din il-ligi l-gdida ossia l-Avviz Legali 88 tal-2018 kif anke inkorporat fil-Legislazzjoni Sussidjarja 424.36, l-appellant setghax jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Il-Qorti ghalhekk ser taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-ligi L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018**[1] "*klijent*" tfisser il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett;

Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** "*klijent domestiku*" tfisser klijent li għalih qed isir xogħol u li m'hemmx forma ta' qliegħ għal dak il-klijent;

Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** "*file dwar saħħa u sigurtà*" tfisser *file* li jkollu fih informazzjoni dwar saħħa u sigurtà relevanti li għandha tittieħed waqt kwalunkwe ix-xogħolijiet sussegwenti;

Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** *"pjan dwar saħħa u sigurtà*" ifisser dokument li jistabbilixxi r-regoli applikabbli f'sit ta' kostruzzjoni u l-miżuri speċifiċi li jikkonċernaw ix-xogħol li jaqgħu taħt il-kategorija jew f'kategoriji oħra tal-Iskeda II fl-istess Avviz;

Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** *"sit ta' kostruzzjoni"* ifisser kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħolijiet ta' bini jew ta' inginerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom tinsb fl-Iskeda I fl-istess Avviz[2];

Skont L-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018** "*supervisor tal-proġett*" tfisser kull persuna naturali jew legali responsabbli għas-superviżjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' proġett, imqabbad minn klijent.

Il-Ligi tmur oltre ghaliex apparti li tghati definizzjonijiet ghat-termini uzati minnha f'din l-Legal Notice tipprovdi x'inhuma l-obbligi tal-partjiet koncernati mal-kostruzzjoni u ghalhekk din il-Qorti thoss li huwa ta' relevanza ghal dan il-kaz li tindika x'inhuma l-obbligi tal-klijent li f'dan il-kaz hu l-appellant u dawk tas-Supervisor stante li l-allegat nuqqas tal-appellant jikkoncerna in-nomina ta' Supervisor.

---

[1] Dan l-Avviz Legali issostitwixxa l-**Avviz Legali 281** ta' l-**2004** f'Awwissu 2018.

[2] Tħaffir, Xogħlijiet fl-art, Bini, Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati, Konverżjoni jew iffittjar, Alterazzjonijiet, Rinnovament jew restawr, Tiswijiet, Ħatt, Twaqqiegħ, Manutenzjoni fi stat tajjeb, Manutenzjoni - żebgħa u tindif u Drenaġġ.

**IL-KLIJENT**

Salv jekk mhux provdut mod iehor fl-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018**, il-klijent irid jara *inter alia* li:

1. Jahtar *supervisor* ghall-istadju ta' disinn u kostruzzjoni;

2. Jiehu in kunsiderazzjoni kull rapport bil-miktub moghti mis-*supervisor*;

3. Izomm il-*files* u kull informazzjoni ohra rilevanti;

4. Jizgura li jithejja pjan tas-sahha u sigurta'

Illi r-**Regolament 6** tal-**Avviz Legali 88/18** jirravviza li minkejja li l-klijent ikun hatar supervisor tal-progett huwa ma jehlisx mir-responsabilitajiet tieghu f'dak ir-rigward. Dan ifisser li anke jekk ikun hatar supervisor, il-klijent, allura l-persuna li twettaq il-progett,tibqa' xorta wahda responsabbli ghal obbligi kollha naxxenti mir-regolamenti. (Ara **Il-Pulizja vs Raymond Zammit u Silvana Zammit** [3];

Meta l-klijent imbaghad huwa persuna guridika, tajjeb jigi mfakkar li "*meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f'xi att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li ged tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat.*[4]"

[3] Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016. Qorti Kriminali. Appell Nru: 206/2014

[4] Artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta);

Mela dan l-artikolu jipprovdi test doppju li jrid jigi pruvat sal-grad tal-probabbli mill-persuna imputata sabiex titqies mhux ħatja tar-reat kontestat, u cioe':

(1) li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha; u

(2) kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat.

**IS-*SUPERVISOR***

Ir-rwol tas-*supervisor* tal-proġett jinkludi:

1. Jikkomunika *notification form* lill-Awtorita' meta mehtieg;
2. Jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-**Avviz Legali 88/18**;
3. Ifassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni;
4. Jipprepara *file* adegwat għall-karatteristiċi tal-proġett li jkun fihom informazzjoni relevanti tas-saħħa u sigurtà li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni waqt xogħlijiet sussegwenti;
5. Jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:

   (i) Meta aspetti tekniċi u, jew organizzattivi jkunu qed jiġu deċiżi, sabiex wieħed jippjana l-oġġetti varji jew fażijiet tax-xogħol li hemm sabiex isiru simultanjament jew f ' suċċessjoni;

   (ii) Meta jiġi vvalutat il-perjodu meħtieġ għar-realizzazzjoni ta' xogħolijiet differenti jew fażijiet tax-xogħol;

6. Jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-**Avviz Legali 88/18** sabiex jassiguraw li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom:

(i) Japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament f'manjiera konsistenti;

(ii) Meta meħtieġa, isegwi l-pjan tas-saħħa u sigurtà;

7. Jagħmel, jew jikkawża li jsiru, kull aġġustamenti meħtieġa għal-pjan tas-saħħa u s-sigurtà u l-*file* u jieħu kont tal-progress tax-xogħol u kull bidliet li seħħew;

8. Jorganizza l-koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bil-għan li jipproteġi lill-ħaddiema u jipprevjeni nċidenti u perikli għas-saħħa fuq ix-xogħol u l-informazzjoni reċiproka kif previst fir-**Regolament 7** tar-**Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s- Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**, li jiżguraw li persuni mpjegati għal rashom huma inklużi f ' dan il-proċess fejn meħtieġ;

9. Jikkoordina arranġamenti sabiex jikkontrolla li l-proċeduri tal-ħidma qed jiġu implimentati b'mod korrett;

10. Jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jidħlu fil-post tal-kostruzzjoni;

11. Jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Illi jinghad ulterjorment li l-ebda azzjoni, jew proċedimenti oħra għad-danni għandha tkun jew ikunu stitwiti kontra *supervisor* tal-proġett kemm- il darba s-*supevisor* tal-proġett ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti;

Illi meta l-klijent jonqos milli jaħtar *supervisor* tal-proġett ghax hekk jirrikejdi l-**Avviz Legali 88** ta' l-**2018**, il-klijent *ipso facto* jitqies li tkun is-*supervisor* tal-proġett;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li in effetti l-klijent kien gia appunta Project Supervisor tant li in effetti Elizabeth Saliba tkellmet mieghu fuq is-sit tax-xoghol. Dan mhux in diskuss ghaliex l-istess Saliba ikkonfermatu min naha taghha. Pero' li seta jirrizulta semmai hu li l-Project Supervisor naqas mill-obbligi tiehu (u mhux il-klijent) kif dipost fl-artikolu 5(3) tal-Legal Notice li jipprovdi li s-Supervisor ghandu jikkomunika avviz skond Schedule III lill-Awtorita mill-inqas erbgha gimghat qabel ma jinbeda x-xoghol, **basta pero'** [5]dan i-xoghol ser idum ghaddej aktar minn tlettin(30) jum (li hu l-kaz odjern) u fejn hemm aktar minn ghoxrin (20) haddiem jahdmu fl-istess hin (li mhux il-kaz odjern) . Ghalhekk mhemmx dubbju li n-nuqqas semmai kien dak tas Supevisor.

**Illum il-gurnata pero' din l-akkuza m'ghandhiex tinghata aktar mill-prosekuzzjoni f'kaz ta' xoghol li qed issir f'sit ta' kostruzzjoni ta' natura kummercjali u ghalhekk qed tattira l-attensjoni tal Awotirta tas-Sigurta' u Sahha 'l-ghaliex fil-ligi kif emendata tipprovdi** "li meta l-klijent jonqos milli jaħtar

[5] Enfasi ta' din il-Qorti

supervisor tal-proġett, il-klijent **ipso facto** [6]titqies li tkun is-supervisor tal-proġett għall-għan ta' dawn ir-regolamenti"[7]

Ghalhekk jinghad li anke jekk in pessima ipotesi l-kljent appellant fil-fehma tal-prosekuzzjoni ma rnexxilux jgheleb il-presunzjoni li hemm konra tieghu fil-ligi xorta[8] ma ghandux jinstab hati talli naqas li jappunta supervisor ghaliex f'dak in-nuqqas il-ligi tikkunsidra lilu stess bhala s-Supervisor.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tilqa l-appell tal-appellanti b'dan illi qed tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u qieghda tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u piena.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

---

[6] Emfasi tal-Qorti

[7] Regolament 3 ( 5) tal Avviz Legali 88/2018

[8] Regolament 15 tal Avviz Legali 88/2018